MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Avviz Numru. 546/2005

**Avviz numru 546/05DM**

**Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**

**Vs**

**Euro Rentals Limited (C13511)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-Awtorita' attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta, ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elf, sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm1,665) rapprezentanti arretrati minnhom dovuti ghall-hlas ta' licenzji ta' Servizz Pubbliku illi huma ghandhom f'isimhom u dan (1) in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150), arretrati tal-licenzja numru 17/348, dovuta ghall-perjodu ta' bejn 2002 u 2004 fir-rigward ta' 'Mark's Garage', Triq l-Iskola, Fgura; (2) in kwantu ghas-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150), arretrati tal-licenzja 26/103 dovuta ghall-perjodu

ta’ bejn 2002 u 2004 fir-rigward ta’ ‘Andrew’s Garage’, Triq Dun Marcell Mallia, Ghaxaq; (3) in kwantu ghas-somma ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150), arretrati tal-licenzja numru 62/217, dovuta ghall-perjodu ta’ bejn 2002 u 2004 fir-rigward ta’ ‘Neil’s Garage’, Triq id-Dejma, Tarxien (4) in kwantu ghas-somma ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150), arretrati tal-licenzja numru 39/720 dovuta ghall-perjodu ta’ bejn 2002 u 2004 fir-rigward ta’ ‘Robina’, Triq il-Wied, Mosta; (5) in kwantu ghas-somma ta’ tlett mija u hmistax-il lira Maltin (Lm315) arretrati tal-licenzja numru 39/800 dovuta ghall-perjodu ta’ bejn 2002 u 2004 fir-rigward ta’ ‘Ray’s Garage’ Triq ir-Raghajja, Mosta; u (6) in kwantu ghas-somma ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) arretrati tal-licenzja numru 55/1084 dovuta ghall-perjodu ta’ bejn 2002 u 2004, fir-rigward ta’ ‘Isabelle’s Garage’, Triq J Quintinus, San Pawl il-Bahar.

Bl-ispejjez inkluz tal-prezenti u ta’ l-ittra ufficjali datata l-11 ta’ Novembru, 2004, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma baghtu ebda rappresentant fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni awtorizzati mill-Qorti fis-seduta tas-27 ta’ Ottubru, 2006;

Ghaldaqstant issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitlba ta’ elf, sitt mija u hamsa u sittin lira Maltin (Lm1,665) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mid-9 ta’ Novembru, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------